DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2186

tas-17 ta' Diċembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ([1]) fit-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) L-Artikolu 166 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-"Kumitat Konġunt") li jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li għalihom il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi dan. Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq (il-"Protokoll") jifforma parti integrali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(3) L-Artikolu 12(2) tal-Protokoll jistabbilixxi d-dritt tal-Unjoni li tkun preżenti matul kwalunkwe attività tar-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-Protokoll jagħmel applikabbli kif ukoll matul attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Protokoll. Huwa jipprevedi speċifikament id-dritt li tintalab informazzjoni mill-awtoritajiet tar-Renju Unit relatata ma' tali attivitajiet u li dawk l-awtoritajiet jintalbu jwettqu miżuri ta' kontroll.

(4) L-Artikolu 12(3) tal-Protokoll jipprevedi deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-Protokoll f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li dawk l-arranġamenti ta' ħidma jiżguraw li r-rappreżentanti tal-Unjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll b'mod effettiv.

(5) Il-preżenza tal-Unjoni prevista mill-Protokoll jeħtieġ li tqis iċ-ċirkostanzi uniċi fil-ġżira tal-Irlanda, u d-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati filwaqt li jitqies kif dovut ir-rispett għas-sovranità barranija kif ukoll, b'mod partikolari, il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira jew ta' Belfast tal-10 ta' April 1998.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
S. SCHULZE

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2020 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' …

li tipprevedi l-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

Il-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq anness mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni, permezz tar-rappreżentanti tagħha, imsemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq (il-"Protokoll").

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "attivitajiet koperti" tfisser kwalunkwe attività tal-awtoritajiet tar-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-Protokoll jagħmel applikabbli, kif ukoll attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Protokoll, inklużi tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt adottati taħtu, skont l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll.

Artikolu 2

Rappreżentanti tal-Unjoni

1. L-Unjoni għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll jaġixxu *in bona fede* u jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tar-Renju Unit li jwettqu attivitajiet koperti, u li jżommu komunikazzjoni mill-qrib magħhom.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll ma għandhom jieħdu sehem fl-ebda attività li ma tirrigwardax l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.

3. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom iqisu l-gwida kkomunikata lilhom mill-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar is-sikurezza tagħhom u s-sikurezza ta' oħrajn meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jkunu preżenti. Huma għandhom jirrispettaw kwalunkwe rekwiżit impost legalment mill-awtoritajiet tar-Renju Unit responsabbli għall-infurzar tal-liġi, soġġett għat-Titolu XII u t-Titolu XIII (l-Artikoli 120 u 121) tat-Tielet Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

4. L-Unjoni għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha ma jkunux jistgħu jiżvelaw informazzjoni li jkollhom għarfien tagħha permezz tal-eżerċizzju tad-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll għajr lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Renju Unit, sakemm ma jkunux ġew awtorizzati mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kompetenti tal-Unjoni.

5. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom id-dritt li jkunu preżenti matul attivitajiet koperti fir-Renju Unit, inkluż fil-postijiet kollha fejn merkanzija jew annimali jidħlu fl-Irlanda ta' Fuq jew joħorġu mill-Irlanda ta' Fuq permezz ta' portijiet jew ajruporti. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaċċessaw biss il-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) meta r-rappreżentanti tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ikunu preżenti u jużawhom għall-fini li jwettqu attivitajiet koperti, jew

meta faċilità tkun b'xi mod ieħor operattiva għal dak il-għan. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jakkumpanjaw kwalunkwe rappreżentant tal-awtoritajiet tar-Renju Unit kull meta dan tal-aħħar ikun qed iwettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet koperti, inkluż għall-ispezzjonijiet ta' siti għajr dawk imsemmija fis-sentenza preċedenti.

6. Ir-Renju Unit għandu jiffaċilita l-preżenza tar-rappreżentanti tal-Unjoni li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll u għandu jipprovdi kwalunkwe tagħmir, kumditajiet u faċilitajiet oħra, bħal stazzjonijiet tax-xogħol mgħammra b'mod adegwat u konnessjonijiet adegwati tal-IT, meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

7. L-arkivji tal-Unjoni dwar kwalunkwe informazzjoni relatata ma' kwalunkwe attività koperta għandhom ikunu invjolabbli.

8. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni preżenti fir-Renju Unit ma għandhomx jiġu mfixkla milli jiċċaqilqu liberament fir-Renju Unit għall-fini li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll.

9. Meta jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom iġorru karta tal-identità fotografika li tiċċertifika isimhom, il-funzjoni tagħhom, u l-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija tal-Unjoni. L-Unjoni għandha toħroġ tali karti tal-identifikazzjoni billi tuża kampjun li l-Unjoni għandha taqsam mar-Renju Unit fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

10. Mal-wasla fil-postijiet fejn jiġu eżerċitati d-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll, ir-rappreżentant tal-Unjoni għandu jipproduċi l-karta tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 9. Soġġett għall-paragrafu 3, ladarba jiġi identifikat kif xieraq, dak ir-rappreżentant tal-Unjoni għandu jingħata aċċess minnufih għall-faċilità.

11. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom ikunu intitolati jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit mingħajr notifika jew approvazzjoni minn qabel għall-fini li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll. Huma jistgħu jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit bl-użu tal-laissez-passer maħruġ mill-Unjoni.

12. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fir-Renju Unit għall-fini li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll, flimkien mal-konjuġi tagħhom u l-membri dipendenti tal-familji tagħhom, ma għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet tal-immigrazzjoni jew għal formalitajiet għar-reġistrazzjoni tal-barranin.

13. Filwaqt li jkunu fir-Renju Unit għall-fini li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom jingħataw l-istess faċilitajiet fir-rigward tar-regolamenti dwar il-munita jew il-kambju li konswetudinarjament jingħataw lil uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jirrisjedu fir-Renju Unit u għandhom ikunu eżentati mit-tassazzjoni nazzjonali fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti tagħhom imħallsa mill-Unjoni jew mill-Istati Membri. Tali privileġġi u immunitajiet mit-tassazzjoni ma għandhomx japplikaw għal rappreżentant tal-Unjoni jekk ikun ċittadin Brittaniku (għajr ċittadin Brittaniku li jkun ukoll ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni u mhux residenti fir-Renju Unit fil-mument tal-ħatra) jew resident permanenti tar-Renju Unit.

14. Filwaqt li jkunu fir-Renju Unit għall-fini li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandhom igawdu d-dritt li jimportaw u jesportaw mill-ġdid mingħajr dazju l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom, inklużi vetturi bil-mutur.

15. L-attivitajiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni fir-Renju Unit taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll għandhom jitqiesu, għall-finijiet tat-Titolu XII u t-Titolu XIII (l-Artikoli 120 u 121) tat-Tielet Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, bħala attivitajiet tal-Unjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Artikolu 3

Punti ta' kuntatt

1. Ir-Renju Unit għandu jipprovdi lill-Unjoni b'lista ta' awtoritajiet li jwettqu attivitajiet koperti u l-faċilitajiet tagħhom.

Ir-Renju Unit għandu jaħtar punt ta' kuntatt għal kull waħda mill-awtoritajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, u jipprovdi lill-Unjoni bid-dettalji rilevanti ta' kuntatt.

2. Ir-Renju Unit għandu jikkomunika kwalunkwe emenda għal-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jew kwalunkwe bidla fil-punt ta' kuntatt jew fid-dettalji ta' kuntatt, lill-Unjoni malajr kemm jista' jkun.

3. L-Unjoni għandha taħtar punt ta' kuntatt għall-fini tal-paragrafu 2.

Artikolu 4

Modalitajiet biex tintalab informazzjoni

1. Ir-rappreżentant jew il-punt ta' kuntatt tar-Renju Unit, skont il-każ, għandu jwieġeb għal kwalunkwe talba għal informazzjoni malajr kemm jista' jkun, u b'hekk jagħti biżżejjed żmien lir-rappreżentant tal-Unjoni biex jivvaluta l-informazzjoni għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll.

2. Jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit iqisu li talba għal informazzjoni jew ir-rilevanza ta' tali talba mhijiex ċara, jew li l-ambitu tal-informazzjoni mitluba jagħmel il-konformità ma' talba eċċessivament oneruża, huma jistgħu jitolbu lir-rappreżentant tal-Unjoni li għamel it-talba biex jiċċara jew jirfina l-ambitu tagħha.

3. Meta jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll, u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-obbligi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Deċiżjoni, ir-rappreżentanti tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jeżaminaw u, fejn meħtieġ, jikkupjaw dokumenti u rekords fil-pussess tal-awtoritajiet tar-Renju Unit li jkun fihom informazzjoni rilevanti għall-attivitajiet koperti. L-Unjoni għandha tipproteġi din l-informazzjoni skont l-Artikolu 2(4).

4. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet tar-Renju Unit li jwettqu attivitajiet koperti jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar dawk l-attivitajiet.

Artikolu 5

Aċċess elettroniku għal sistemi ta' informazzjoni, databases u netwerks applikabbli

1. Fuq talba mill-Unjoni, ir-Renju Unit għandu jagħti lir-rappreżentanti tal-Unjoni aċċess elettroniku attwali u kontinwu f'ħin reali għall-informazzjoni rilevanti li tkun tinsab fin-netwerks, sistemi tal-informazzjoni u databases tar-Renju Unit u fil-moduli nazzjonali tar-Renju Unit tas-sistemi tal-Unjoni (minn hawn' il quddiem: "sistemi tal-IT") elenkati fl-Anness 1, sa fejn ikun meħtieġ biex rappreżentanti tal-Unjoni hemmhekk jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll. L-Unjoni għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha jipproteġu tali informazzjoni skont il-paragrafi 3 u 4.

2. Fuq talba mill-Unjoni, ir-Renju Unit għandu jagħti wkoll lir-rappreżentanti tal-Unjoni aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti li tinsab fis-sistemi tal-IT imsemmija fl-Anness 2, sa fejn ikun meħtieġ għar-rappreżentanti tal-Unjoni biex jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll. L-Unjoni għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha jipproteġu tali informazzjoni skont il-paragrafi 3 u 4.

3. L-aċċess mogħti, li jista' jiġi eżerċitat ukoll mill-bogħod, huwa soġġett għall-konformità mir-rappreżentanti tal-Unjoni mar-rekwiżiti tas-sigurtà u ta' utenti oħra ta' kull waħda minn dawn is-sistemi tal-IT.

4. L-Unjoni għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha jkunu jistgħu jużaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 biss għall-fini li jeżerċitaw id-drittijiet taħt l-Artikolu 12(2) tal-Protokoll. L-Unjoni għandha tiżgura li r-rappreżentanti tagħha ma jiżvelawx informazzjoni aċċessata skont il-paragrafi 1 u 2 ħlief lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Renju Unit, sakemm ma jkunux ġew awtorizzati hekk mill-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit u mill-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija kompetenti tal-Unjoni. L-awtoritajiet doganali tar-Renju Unit ma jistgħux jirrifjutaw li jawtorizzaw tali żvelar ħlief għal raġunijiet debitament iddikjarati.

5. Ir-Renju Unit għandu jikkomunika kwalunkwe bidla fir-rigward tal-eżistenza, kamp ta' applikazzjoni jew tħaddim tas-sistemi tal-IT elenkati fl-Anness 1 u 2 lill-Unjoni, fi żmien xieraq qabel ma tali bidliet isiru effettivi.

Artikolu 6

Modalitajiet biex jintalbu miżuri ta' kontroll

1. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jitolbu miżuri ta' kontroll f'każijiet individwali, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Tali talbiet għandhom jiddikjaraw debitament ir-raġunijiet għat-talba tal-miżura speċifika ta' kontroll. It-talbiet għandhom normalment ikunu diretti lejn il-persuna ta' kuntatt rilevanti tal-awtorità tar-Renju Unit, iżda talbiet bil-fomm jistgħu jiġu indirizzati wkoll lil rappreżentant tal-awtoritajiet tar-Renju Unit.

2. L-awtoritajiet tar-Renju Unit għandhom iwettqu l-miżura ta' kontroll mitluba malajr kemm jista' jkun.

3. Jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit iqisu li r-raġunijiet mogħtija mir-rappreżentanti tal-Unjoni għat-talba tagħhom mhumiex biżżejjed jew mhumiex ċari, l-awtoritajiet tar-Renju Unit jistgħu jitolbu lir-rappreżentanti tal-Unjoni biex jiċċaraw jew jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom f'aktar dettall.

Artikolu 7

Il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard minn [tliet] snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha u wara talba mill-Unjoni jew mir-Renju Unit.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kopresidenti

ANNESS 1

Sistemi tal-IT li fihom informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(3) tal-Protokoll u tal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Protokoll

— Customs Declarations Service (CDS) (Is-servizz tad-Dikjarazzjonijiet Doganali), inklużi profili tar-riskju u informazzjoni dwar il-preżentazzjoni u l-ħżin temporanju tal-merkanzija fejn disponibbli

— Goods Vehicle Movement Service (GVMS) (Servizz dwar il-Moviment ta' Vetturi tal-Merkanzija)

— Freight Targeting System, (Is-sistema ta' Mmirar tal-Merkanzija), inkluża informazzjoni miġbura b'mezzi alternattivi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-Renju Unit dwar id-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni

— National domain of Northern Ireland Import Control System (ICS), (Id-dominju nazzjonali tas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni tal-Irlanda ta' Fuq), inklużi l-profili tar-riskju

— National domain of Northern Ireland New Computerised Transit System (NCTS) (Id-dominju nazzjonali tas-Sistema l-Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata tal-Irlanda ta' Fuq)

Sistemi oħra użati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex jimplimentaw l-Artikoli 5(2) u (4) u 6(1) tal-Protokoll, inkluża informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet (awtorizzazzjonijiet u deċiżjonijiet rilevanti għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u għall-Protokoll).

ANNESS 2

Sistemi oħra tal-IT li fihom informazzjoni meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet koperti

— National Domain Excise Movement and Control System (EMCS) (Is-Sistema ta' Moviment u Kontroll tas-Sisa fid-Dominju Nazzjonali)

— National Domain VAT Information Exchange System (VIES) (Is-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar il-VAT fid-Dominju Nazzjonali) u kwalunkwe database tar-Renju Unit li tkun direttament rilevanti, sabiex tiġi kkonsultata d-data tar-reġistrazzjoni tan-negozjanti tal-Irlanda ta' Fuq u l-informazzjoni pprovduta min-negozjanti tal-Irlanda ta' Fuq lill-amministrazzjoni tat-taxxa tar-Renju Unit dwar tranżazzjonijiet taxxabbli fir-rigward ta' akkwisti intra-UE ta' oġġetti li jseħħu fl-Irlanda ta' Fuq u li jeħtieġ li jiġu ddikjarati min-negozjanti tal-Irlanda ta' Fuq.

— National Domain (Import) One Stop Shop (Punt Uniku ta' Kuntatt għad-Dominju Nazzjonali (Importazzjoni) (IOSS u OSS)

— National Domain VAT Refund (Rifużjoni tal-VAT fid-Dominju Nazzjonali)